*Bil-bosta darab,*
*Bil-bosta ltwew*
*Tqawgħġu ħdejn sħabhom*
*U jmutu bdew.*

*Silet ix-xabla*
*Għalaq għajnejh*
*Hu stess qatilhom*
*Mietu f'idejh.*

IV

*Hemmhekk l-Ibirba*
*Riedu jaqbduh;*
*Daru madwaru*
*Sabiex joqtluh*

*Wieħed mit-Torok*
*Dlonk resaq ħdejh*
*B'daqqa ta' xabla*
*Ferieh f'idejh.*

*Meta Bernardo*
*Ra f'idu d-demm*
*Haseb kif jagħmel*
*Jitlaq minn hemm.*

*Wasal ħdejn martu*
*Li ħarġet ħdejh*
*Bit-tfal ma' djulha*
*Waqgħet f'idejh.*

*Beka u qalilhom:*
*"Infidtkom jien......*
*Dakwaqt ninqered*
*Hafna għajjien......*

*Jiena ħabbejtkom*
*Issa mistrieħ........"*
*Waslu it-Torok*
*Daru għalih.*

*Kif kien qed jhewden*
*Dawna qabduh*
*B'daqqa ta' xabla*
*Malajr nifduh.*

*It-Torok ferħu*
*Għax rebbiħin,*
*Iżda sew għarfu*
*X'kienu l-Għawdxin.*

9/7/1949.

LINO GERMAN.

## X'JISWA!

*X'jiswa li b'fehma,*
*b'qalb tal-azzar*
*u b'kelma sħiħa*
*daqs ta' l-iswar*
*'Kk jkollok sendqa*
*bil-flus mimlija,*
*illi qatt minnha*
*b'fehma qawwija*
*Ma tonfoqx ħabba*
*meta jenħtieġ?*
*Flok deheb sata'*
*kien fiha żġieġ.*

R.M.B.